KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fl-10 ta' Diċembru 2015 [1]

**Kawża C-472/14**

**Canadian Oil Company Sweden AB**
**Anders Rantén**
**vs**
**Riksåklagaren**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Hogsta domstolen (qorti suprema, l-Isvezja))

"Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) — Kamp ta' applikazzjoni ta' armonizzazzjoni — Reġistrazzjoni ta' sustanzi kimiċi mal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi qabel ma jitqiegħdu fis-suq — Obbligu parallel ta' reġistrazzjoni ta' prodotti kimiċi li jiġu mmanifatturati jew importati fi Stat Membru matul negozju — Artikoli 34 u 36 TFUE — Restrizzjoni kwantitattiva fuq importazzjonijiet — Ġustifikazzjoni — Protezzjoni tal-ħajja umana u tas-saħħa u tal-ambjent — Proporzjonalità"

1. Permezz tat-talba tagħha lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Hogsta domstolen (qorti suprema, l-Isvezja, iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju") titlob gwida dwar jekk ir-rekwiżit previst mir-regolament REACH [2] ta' notifika ta' sustanzi kimiċi għal reġistrazzjoni, minn naħa, u d-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jiżguraw il-moviment liberu tal-merkanzija, min-naħa l-oħra, jipprekludux lill-Istati Membri milli jintroduċu rekwiżit simili ta' notifika u reġistrazzjoni relatati ma' tali sustanzi fil-livell nazzjonali. Sa fejn ir-regolament REACH jarmonizza n-notifika u r-reġistrazzjoni ta' sustanzi kimiċi; u kemm għad fadal marġnu ta' diksrezzjoni imħolli lill-Istati Membri sabiex isegwu l-politika tagħhom stess dwar il-manifattura, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' prodotti kimiċi?

## Il-kuntest legali

*Id-dritt tal-Unjoni*

2. Skont l-Artikolu 34TFUE "Restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u kull miżura li għandha effett ekwivalenti għandhom ikunu projbiti bejn l-Istati Membri." L-Artikolu 36 TFUE jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-prodotti jekk ikunu ġġustifikati fuq raġunijiet permssi, inkluż li-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja umana u tal-annimali.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L396, p. 1). Il-verżjoni tar-Regolament REACH applikabbli għall-fatti tat-tilwima fil-kawża prinċipali tirriżulta mill-aħħar modifiki li saru bir-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 552/2009 tat-22 ta' Ġunju 2009 (ĠU L 164, p. 7).

3. Il-preambolu tar-regolament REACH għandu l-premessi rilevanti li ġejjin:

"[…]

(16) Dan ir-Regolament jistabbilixxi dmirijiet u obbligi speċifiċi għal manifatturi, importaturi u utenti "downstream" ta' sustanzi waħedhom, fi preparati u f'oġġetti. […]

[…]

(19) […] id-dispożizzjonijiet tar-reġistrazzjoni jeħtieġu li l-manifatturi u l-importaturi jiġġeneraw data dwar is-sustanzi li huma jiffabrikaw jew jimportaw, li jużaw din id-data sabiex jagħmlu stima tar-riskji relatati ma' dawn is-sustanzi u li jiżviluppaw u jirrakkomandaw miżuri adatti ta' l-immaniġġar [tal-ġestjoni] tar-riskji. Sabiex jiġi żgurat li huma fil-fatt jissodisfaw dawn l-obbligi, kif ukoll għal raġunijiet ta' trasparenza, ir-reġistrazzjoni għandha teħtieġ li huma jippreżentaw dossier li jkun fih din l-informazzjoni kollha lill-Aġenzija [Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi] [3]. Is-sustanzi reġistrati għandhom ikunu permessi jiċċirkolaw fis-suq intern.

(20) […] Huwa meħtieġ li jekk l-Aġenzija f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri tikkonsidra li hemm raġunijiet sabiex sustanza tkun kunsidrata bħala waħda li tikkostitwixxi riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, l-Aġenzija tassigura, wara li tkun inkludiet is-sustanza fil-pjan ta' azzjoni Komunitarju rikorrenti għall-valutazzjoni [evalwazzjoni] ta' sustanzi, filwaqt li sserraħ fuq l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, li din is-sustanza tiġi valutata [evalwata].

(21) Għalkemm l-informazzjoni mogħtija dwar is-sustanzi permezz tal-valutazzjoni [evalwazzjoni] għandha tintuża l-ewwel mill-manifatturi u l-importaturi sabiex jimmaniġġaw ir-riskji relatati mas-sustanzi tagħhom, tista' tintuża wkoll sabiex jinbdew il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni jew ta' restrizzjonijiet taħt dan ir-Regolament jew il-proċeduri ta' l-immaniġġar ta' riskji taħt xi liġi Komunitarja oħra. Għaldaqstant għandu jkun żgurat li din l-informazzjoni tkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti u tkun tista' tintuża minnhom għall-iskop ta' tali proċeduri.

[…]

(44) Sabiex tiġi provduta sistema armonizzata u sempliċi, ir-reġistrazzjonijiet kollha għandhom jiġu preżentati lill-Aġenzija. […]

[…]

(103) Permezz ta' Kumitat ta' l-Istati Membri, l-Aġenzija għandha timmira li tilħaq ftehim fost l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri dwar kwistjonijiet speċifiċi li jitolbu approċċ armonizzat.

[…]

(105) Fid-dawl tar-responsabbiltà miżjuda ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi sabiex jiżguraw l-użu mingħajr periklu ta' sustanzi kimiċi jeħtieġ li jkun imsaħħaħ l-infurzar. L-Aġenzija għandha għaldaqstant tipprovdi Forum għall-Istati Membri sabiex jiskambjaw informazzjoni, u jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom, dwar l-infurzar tal-leġislazzjoni dwar sustanzi kimiċi. […]

[…]

3 — Iktar 'il quddiem "l-Aġenzija".

(119) Minbarra l-parteċipazzjoni tagħhom fl-implementazzjoni tal-leġislazzjoni Komunitarja, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru għandhom, minħabba l-viċinanza tagħhom mal-partijiet interessati fl-Istati Membri, ikollhom rwol fl-iskambju ta' l-informazzjoni dwar ir-riskji tas-sustanzi u dwar l-obbligi tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi skond il-leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi. Fl-istess ħin, il-koperazzjoni mill-qrib bejn l-Aġenzija, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti ta'' l-Istati Membri hija neċessarja sabiex ikunu żgurati l-koerenza u l-effiċjenza tal-proċess ta' komunikazzjoni globali.

[…]"

4. L-Artikolu 1(1) tar-Regolament REACH jindika li l-għan ta' dan tal-aħħar huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, inkluża l-promozjoni ta' metodi alternattivi għall-evalwazzjoni tal-perikli li jiġu minn sustanzi, kif ukoll il-moviment liberu tas-sustanzi fis-suq intern filwaqt li jittejbu l-kompetittività u l-innovazzjoni. L-Artikolu 1(2) jgħid li r-Regolament REACH jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar sustanzi u preparati, li japplikaw għall-manifattura, għat-tqegħid fis-suq jew għall-użu ta' tali sustanzi waħedhom, fi preparati jew f'oġġetti u għat-tqegħid fis-suq ta' preparati. Skont l-Artikolu 1(3), ir-Regolament REACH huwa bbażat fuq il-prinċipju li hija r-responsabbiltà tal-manifatturi, tal-importaturi u tal-utenti "downstream" li jiżguraw li huma jimmanifatturaw, iqiegħdu fis-suq, jew jużaw tali sustanzi b'modi li ma jolqtux ħażin is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent.

5. L-Artikolu 3 għandu d-definizzjonijiet li ġejjin:

"(1) sustanza: tfisser element kimiku u l-komposti tiegħu fl-istat naturali jew miksub bi kwalunkwe proċess ta' manifattura, inkluż kwalunkwe addittiv meħtieġ sabiex jippriżerva l-istabbiltà tiegħu u kwalunkwe impurità li tiġi mill-proċess użat, iżda esklużż kwalunkwe solvent li jista' jiġi separat mingħajr ma tkun milquta l-istabbiltà tas-sustanza jew tinbidel il-kompożizzjoni tagħha;

(2) preparat: tfisser taħlita jew soluzzjoni komposta minn żewġ sustanzi jew aktar;

(3) oġġett: tfisser prodott li waqt il-produzzjoni jingħata forma, wiċċ jew disinn speċjali li jiddeterminaw il-funzjoni tiegħu sa grad akbar milli tagħmel il-kompożizzjoni kimika tiegħu;

[…]

(13) utent "downstream": tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità, minbarra l-manifattur jew l-importatur, li juża sustanza, kemm waħidha jew fi preparat, fl-attivitajiet industrijali jew professjonali tiegħu. Id-distributur jew il-konsumatur mhuwiex utenti "downstream". […]

[…]

(37) xenarju ta' espożizzjoni: tfisser il-grupp ta' kondizzjonijiet, inklużi kondizzjonijiet operattivi u miżuri ta' l-immaniġġar tar-riskji, li jiddeskrivu kif is-sustanza tiġi manifatturata jew użata matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha u kif il-manifattur jew l-importatur jikkontrolla, jew jirrakkomanda lill-utenti "downstream" sabiex jikkontrollaw, l-espożizzjoni għall-bniedem u l-ambjent. Dawn ix-xenarji ta' espożizzjoni jistgħu jkopru proċess jew użu speċifiku wieħed jew diversi proċessi jew użi kif meħtieġ;

[…]".

6. L-Artikolu 5 (intitolat "[e]bda data, ebda suq"), li jinsab fit-Titolu II (intitolat "Reġistrazzjoni ta' sustanzi") jipprovdi: "[s]uġġett għall-Artikoli 6, 7, 21 u 23, is-sustanzi waħedhom, fi preparati jew f'oġġetti ma għandhomx jiġu manifatturati [fl-Unjoni] jew imqegħdin fis-suq sakemm ma jkunux ġew reġistrati skond id-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan it-Titolu fejn dan ikun meħtieġ".

7. Skont l-Artikolu 6(1), kull manifattur jew importatur ta' sustanza, waħidha jew fi preparat wieħed jew aktar, fi kwantitajiet ta' tunnellata metrika jew aktar kull sena għandu jippreżenta reġistrazzjoni lill-Aġenzija, ħlief meta l-imsemmi Regolament jgħid mod ieħor. Bl-istess mod, skont l-Artikolu 7(1) tiegħu, kull produttur jew importatur ta' oġġetti għandu jippreżenta reġistrazzjoni lill-Aġenzija għal kull sustanza li jkun hemm f'dawk l-oġġetti, jekk is-sustanza tkun preżenti f'dawk l-oġġetti fi kwantitajiet li jikkostitwixxu total ta' aktar minn tunnellata metrika kull produttur jew importatur kull sena u s-sustanza tkun intiża li tiġi rilaxxata taħt kondizzjonijiet ta' l-użu li jkunu normalment jew raġonevolment prevedibbli.

8. Skont l-Artikolu 10(a), kull reġistrazzjoni bħal din għandu jkollha magħha dossier tekniku li jinkludi b'mod partikolari l-identità tal-produtturi jew tal-importaturi, l-identità tas-sustanza, informazzjoni dwar il-manifattura u l-użu jew l-użi tas-sustanza (li għandha tirrappreżenta l-użi identifikati kollha mir-reġistrant), il-klassifikazzjoni u t-tikkettar tas-sustanza, u gwida dwar l-użu sikur tas-sustanza; rekwiżiti ddettaljati dwar x'informazzjoni għandu jkun hemm fid-dossier tekniku li jinsabu fl-Annessi VI sa XI tar-Regolament REACH. Skont l-Artikolu 10(b) tiegħu, notifika lill-Aġenzija għandu jkollha magħha wkoll rapport ta' sigurtà kimika.

9. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 37(4) jipprovdi li utent "downstream" ta' sustanza, waħidha jew fi preparat, għandu jħejji rapport ta' sigurtà kimika għal kwalunkwe użu barra l-kundizzjonijiet deskritti f'xenarju ta' espożizzjoni jew, jekk ikun il-każ għandu jħejji kategorija ta' użu u ta' espożizzjoni kkomunikati lilu fi skeda ta' data ta' sigurtà jew għal kwalunkwe użu li kontrih jiġi avżat mill-fornitur tiegħu. Skont l-Artikolu 38(1) u (2), l-utent "downstream"għandu f'dak il-każ, qabel ma jibda jew ikompli b'użu partikolari ta' sustanza minn fornitur "upstream" skont Artikolu 6, għandu jirrapporta lill-Aġenzija informazzjoni dwar, *inter alia*, l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tiegħu, in-numru ta' reġistrazzjoni tas-sustanza(i) jekk disponibbli, l-identità tas-sustanza jew sustanzi, l-identità tal-manifattur jew tal-manifatturi jew tal-importatur jew tal-importaturi jew ta' fornitur ieħor, u deskrizzjoni ġenerali fil-qosor tal-użu jew tal-użi u tal-kundizzjonijiet tal-użu jew tal-użi.

10. Fil-prinċipju l-Artikolu 56(1) tar-Regolament Reach jagħmel it-tqegħid fis-suq ta' sustanzi elenkati fl-Anness XIV suġġett għal awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. L-Artikolu 56(2) jgħid, essenzjalment, li utent "downstream" jista' juża sustanza suġġetta għal awtorizzazzjoni mingħajr ma jitlob awtorizzazzjoni ulterjuri, sakemm dak l-użu jkun skont il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni mogħtija lil fornitur "upstream" għal dak l-użu. L-Artikolu 57 jelenka l-kategoriji ta' sustanzi li jistgħu jiġu inklużi fl-Anness XIV. Dawk il-kategoriji jinkludu sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeni, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni [4]. L-Artikolu 59 jistabbilixxi l-proċedura biex titwaqqaf lista ta' sustanzi kandidati għall-inklużjoni eventwali fil-lista tal-Anness XIV. Skont l-Artikolu 59(3) kull Stat Membru jista' jħejji dossier skont l-Anness XV għal sustanzi li fl-opinjoni tiegħu jissodisfaw il-kriterji previsti fl-Artikolu 57 u jgħaddih lill-Aġenzija [5].

11. L-Artikolu 67(1) jipprovdi li sustanza waħidha, fi preparat jew f'oġġett, li għaliha l-Anness XVII jagħmel restrizzjoni, ma għandhiex fil-prinċipju tkun immanifatturata, imqiegħda fis-suq jew użata għajr jekk tkun tikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' dik ir-restrizzjoni. L-Artikolu 68(1) jipprovdi: "[m]eta jkun hemm riskju mhux aċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent li jkun ġej

4 — Dik il-klassifikazzjoni tidher fid-Direttiva tal-Kunsill 67/548KEE **tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi** (ĠU, Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 13, Vol. 1, p. 27).

5 — L-Anness XV jindika li tali proposta għandha tinkludi b'mod partikolari l-identità tas-sustanza(i) kkonċernati, informazzjoni disponibbli dwar użu u espożizzjoni u informzzjoni dwar sustanzi alternattivi u teknika.

mill-manifattura, użu jew tqegħid fis-suq ta' sustanzi, li jkun jeħtieġ li jiġi indirizzat fuq bażi Komunitarja , l-Anness XVII għandu jiġi emendat […] bl-adozzjoni ta' restrizzjonijiet ġodda, jew bl-emenda tar-restrizzjonijiet attwali […]". L-Artikolu 69(4) jgħid li, jekk Stat Membru jqis li l-manifattura, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' sustanza waħidha, fi preparat jew f'oġġett ikunu jikkostitwixxu riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent li ma jkunx kontrollat adegwatament u li jkun jeħtieġ li jiġi indirizzat fil-livell tal-Unjoni Ewropea, huwa għandu jippreżenta dossier lill-Aġenzija li jkun jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Anness XV, biex jinbeda l-proċess ta' restrizzjonijiet.

12. Skont Artikolu 76(1)(e), il-partijiet kostitwenti tal-Aġenzija jinkludu Kumitat tal-Stati Membri, li għandu jkun responsabbli biex isolvi diverġenzi potenzjali ta' opinjonijiet dwar abbozzi ta' deċiżjonijiet proposti mill-Aġenzija jew mill-Istati Membri u proposti għall-identifikazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna.

13. L-Artikolu 125 jipprovdi li l-Istati Membri "iżommu sistema ta' kontrolli uffiċjali u attivitajiet oħrajn kif xieraq għaċ-ċirkostanzi". L-Artikolu 117, moqri flimkien mal-Artikolu 127, jitlob li l-Istati Membri, kull ħames snin, jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport dwar il-funzjonament tar-Regolament REACH fit-territorji rispettivi tagħhom, inklużi t-taqsimijiet dwar il-evalwazzjoni u l-infurzar, li jkun ikopri r-riżultati tal-ispezzjonijiet uffiċjali mwettqin matul il-perjodu ta' rapportar preċedenti.

14. L-Artikolu 128 jaqra kif ġej:

"1. Suġġett għall-paragrafu 2, l-Istati Membri m'għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu l-manifattura, l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' sustanza, waħidha, fi preparat jew f'oġġett, li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li tikkonforma ma' dan ir-Regolament u, fejn ikun il-każ, ma' l-atti Komunitarji adottati fl-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Xejn f'dan ir-Regolament m'għandu jimpedixxi l-Istati Membri milli jżommu jew jistabbilixxu regoli nazzjonali sabiex jipproteġu lill-ħaddiema, lis-saħħa tal-bniedem u lill-ambjent li japplikaw fil-każijiet fejn dan ir-Regolament ma jarmonizzax ir-rekwiżiti dwar il-manifattura, it-tqegħid fis-suq jew l-użu."

*Id-dritt Svediż*

15. Skont l-Artikolu 12 tal-Kapitolu 14 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent (Miljöbalken,), prodotti kimiċi li jkunu mmanifatturati jew importati fl-Isvezja matul negozju għandhom ikunu rreġistrati f'reġistru ta' prodotti (iktar 'il quddiem ir-"Reġistru Svediż tal-prodotti") miżmum mill-awtorità kompetenti nazzjonali. L-Artikolu 2(1) tal-Kapitolu 14 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent jiddefinixxi l-prodott kimiku bħala sustanza kimika jew preparat ta' sustanzi kimiċi li ma jkunux komodità.

16. Persuna li deliberatament jew b'negliġenza tikser l-obbligu li tinnotifika għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 12 tal-Kapitolu 14 tkun ħatja ta' tfixkil tal-kontrolli ambjentali, u, b'hekk, suġġetta għal multa jew massimu ta' sentejn priġunerija skont l-Artikolu 5(5) tal-Kapitolu 29 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent.

17. Il-Gvern implementa l-Artikolu 12 tal-Kapitolu 14 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent fir-Regolament dwar Prodotti Kimiċi u Organiżmi Bijotekniċi (Förordningen om kemiska produkter och biotekniska organismer, (iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar Prodotti Kimiċi"). Essenzjalment ir-Regolament dwar Prodotti Kimiċi jobbliga li kull persuna li, matul negozju, timmanifattura 100 kilogramma jew iktar ta' prodott kimiku kull sena fl-Isvezja, jew timporta tali kwantitajiet ta' dan il-prodott f'dan l-Istat Membru, li tinnotifika din il-manifattura jew importazzjoni lill-Kemikalieinspektionen (l-Aġenzija Svediża għas-Sustanzi Kimiċi") [6].

6 — Id-deċiżjoni tar-rinviju ssemmi din ir-regola b'rabta biss mal-importazzjoni ta' prodotti kimiċi lejn l-Isvezja. Madankollu, min-noti tal-osservazzjonijiet tar-Renju tal-l-Isvezja u tal-Kummissjoni jirriżulta li hija tapplika ugwalment għall-manifattura ta' prodotti kimiċi.

18. Skont l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 3 tar-Regolamenti tal-Aġenzija Svediża dwar Prodotti Kimiċi (Kemikalieinspektiones Föreskrifter om kemiska produkter och biotechniska organismer; (iktar ’il quddiem ir-“Regolamenti tal-Aġenzija ”), l-informazzjoni li għandha tkun innotifikata tinkludi, b’mod partikolari: (i) l-isem, l-indirizz, u n-numru tat-telefon tal-persuna li jkun jeħtiġilha tinnotifika; (ii) l-isem tal-prodott u, fejn japplika, indikazzjoni komuni; (iii) in-numru tal-istatistika tal-prodott; (iv) dikjarazzjoni dwar jekk il-persuna li jkun jeħtiġilha tinnotifika tkunx manifattur jew importatur tal-prodott mis-suq intern jew minn pajjiż terz; (v) jekk il-prodott ikunx ingħata isem kummerċjali ġdid, isem ġdid għall-prodott jew indikazzjoni ġdida tal-prodott; (vi) jekk il-prodott ikunx maħsub li jkun jista’ jinkiseb minn konsumaturi għall-użu privat tagħhom; (vii) l-użu primarju tal-prodott jew, meta jintuża bħala ingredjent fil-manifattura bħala prodott tal-bidu, l-istima tal-perċentwali tad-distribuzzjoni ta’ użu sa mhux iktar minn tliet setturi differenti ta’ negozju; (viii) għal prodotti esportati mill-persuna li jkun jeħtiġilha tinnotifika, il-perċentwali approssimattiv ta’ esportazzjonijiet; (ix) il-funzjoni tal-prodott; (x) l-isem tas-sustanza u l-konċentrazzjoni tas-sustanzi kollha inklużi li jkunu ġew ikklassifikati bħala, b’mod partikolari, karċinoġeni, mutaġeniċi, tossiċi għar-riproduzzjoni jew ta’ sensibilizzazzjoni; (xi) fir-rigward ta’ ċertu żebgħa, verniċ jew prodotti għal żebgħa mill-ġdid ta’ vetturi, is-subkategorija li tagħha tkun is-sustanza u l-konċentrazzjoni ta’ komposti organiċi volatili fi grammi kull litru fl-għamla tal-prodott meta jkun lest għall-użu; u (xii) liema sustanzi fil-prodott ikunu preservattivi, u l-konċentrazzjoni ta’ kull sustanza bħal din.

19. Ir-Regolamenti tal-Aġenzija Svediża jispeċifikaw li l-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefon tal-persuna suġġetta għall-obbligu ta’ notifika jiġu nnotifikati malajr kemm jista’ jkun u mhux iktar tard mill-bidu tal-attività. Il-bqija tal-informazzjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Ispettorat tas-Sustanzi Kimiċi sat-28 ta’ Frar tas-sena kalendarja wara li jkun beda jseħħ l-obbligu ta’ notifika fir-rigward tal-prodott.

## Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari magħmula

20. Fl-24 ta’ April 2013, il-Hovrätten över Skåne och Blekinge (qorti tal-appell ta’ Scania u Blekinge, l-Isvezja, iktar ’il quddiem il-“Hovrätten”) ikkundannat lil Anders Rantén “ħati li fixkel il-kontrolli ambjentali skont il-punt 5 tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 29 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent. A. Rantén kien naqas milli jinnotifika lill-Aġenzija Svediża tas-Sustanzi Kimiċi, sat-28 ta’ Frar 2010, li l-kumpannija Canadian Oil Company Sweden AB (iktar ’il quddiem “Canadian Oil”) kienet importat 392 tunnellati metriċi ta’ prodotti kimiċi lejn l-Isvezja fl-2009[7]. Minħabba li A. Rantén kien responsabbli għal dik l-importazzjoni, il-Hovrätten immultatu SEK 100 kuljum għal 60 jum[8]. Barra dan, il-Hovrätten imponiet multa korporattiva ta’ SEK 200 000 fuq Canadian Oil[9].

21. Huwa paċifiku fit-tilwima fil-kawża prinċipali li Canadian Oil kienet importat dawk is-sustanzi kimiċi lejn l-Isvezja f’konformità mar-rekwiżiti ta’ reġistrazzjoni skont ir-Regolament REACH.

22. A. Rantén u Canadian Oil ippreżentaw appell mis-sentenza tal-Hovrätten lill-qorti tar-rinviju, li ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea d-domandi preliminari li ġejjin:

“(1) Hemm ksur tar-Regolament REACH meta, b’applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Svediża, kwalunkwe persuna li tintroduċi fl-Isvezja, b’mod professjonali, prodott kimiku li għalih hemm obbligu ta’ reġistrazzjoni skont l-imsemmi regolament, għandha wkoll tinnotifikah lill-Kemikalieinspektionen għall-finijiet ta’ reġistrazzjoni fir-reġistru Svediż tal-prodotti?

7 — Mill-proċess nazzjonali ppreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jidher li Canadian Oil timporta prodotti kimiċi minn Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea.

8 — Dak iġib total ta’ madwar EUR 640 bir-rata tal-kambju applikabbli fiż-żmien meta ktibt.

9 — Dak huwa madwar EUR 21 300 bir-rata tal-kambju applikabbli fiż-żmien meta ktibt.

(2) Fil-każ li tingħata risposta negattiva għall-ewwel domanda, l-obbligu ta' notifika previst mil-leġiżlazzjoni Svediża huwa kuntrarju għall-Artikolu 34 TFUE fid-dawl tad-derogi permessi mill-Artikolu 36 TFUE?"

23. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ssottomettew noti tal-osservazzjonijiet fil-qosor ħafna, li fihom indikaw essenzjalment li kienu qed iżommu fermi s-sottomissjonijiet li kienu għamlu quddiem il-qorti tar-rinviju. Kienu ppreżentati wkoll noti tal-osservazzjonijiet mill-Gvernijiet tar-Rejnu tad-Danimarka, tar-Repubblika tal-Finlandja, tar-Rejnu tan-Norveġja u tar-Renju tal-Isvezja u mill-Kummissjoni Ewropea. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-Gvernijiet tan-Norveġja u l-Isvezja, u l-Kummissjoni ppreżentaw sottomissjonijiet orali fl-10 ta' Settembru 2015.

## Kunsiderazzjonijiet

### *Osservazzjonijiet preliminari*

24. Mit-tilwima fil-kawża prinċipali jirriżulta manifestament li r-rekwiżiti nazzjonali inkwistjoni ta' notifika u ta' reġistrazzjoni u r-rekwiżit ta' notifika u reġistrazzjoni skont ir-Regolament REACH huma sovraposti parzjalment.[10] L-ewwel domanda tal-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk dan l-aħħar imsemmi rekwiżit iħallix marġni lill-Istati Membri sabiex jirrikjedu notifika u reġistrazzjoni addizzjonali ta' prodotti kimiċi

25. Dik id-domanda tiffoka fuq *l-importazzjoni* ta' prodotti kimiċi lejn l-Isvezja. Madankollu terġa' ssir fl-istess kliem għall-*manifattura* ta' prodotti kimiċi f'dan l-Istat Membru. Kemm l-importazzjoni, kif ukoll il-manifattura, huma suġġetti għar-rekwiżit inkwistjoni ta' notifika u reġistrazzjoni addizzjonali fil-kuntest tat-tilwima tal-kawża prinċipali[11]. Għaldaqstant, ir-raġunament li nagħmel dwar l-ewwel domanda tkun trasponibbli għall-kwistjoni tal-manifattura ta' prodotti kimiċi. Għall-kuntrarju, it-tieni domanda domanda hija speċifikatament dwar l-ostaklu li r-rekwiżit ta' notifika ta' prodotti kimiċi għal reġistrazzjoni fir-reġistru Svediż ta' prodotti jista' jikkostitwixi għall-moviment liberu tal-merkanzija sa fejn dan l-obbligu japplika għal prodotti kimiċi importati lejn l-Isvezja minn Stati Membri oħra.

26. Wara dan isegwi li ma huwiex aċċettat li l-multi imposti fuq A. Rantén u Canadian Oil jistgħu jkunu kkonfermati jekk ir-rekwiżiti ta' notifika u ta' reġistrazzjoni inkwistjoni jkunu konsistenti mar-Regolament REACH u mal-Artikoli 34 TFUE u 36 TFUE.

27. Waqt is-seduta r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ddedikaw ftit ħin għat-tariffi li l-Isvezja jidher li titlob għall-manifattura jew l-importazzjoni ta' prodotti kimiċi. Sostnew, essenzjalment, li dawn it-tariffi, li huma kkalkolati abbażi ta' kwantitajiet irreġistrati fir-reġistru Svediż tal-prodotti, ma humiex relatati mal-ispejjeż reali sostnuti mill-awtoritajiet kompetenti għas-sorveljanza ta' prodotti kimiċi, u jfixklu l-moviment liberu fis-suq intern sa fejn ikollhom jitħallsu għall-importazzjoni ta' prodotti kimiċi lejn l-Isvezja. Canadian Oil żiedet tgħid li dawn it-tariffi jikkostitwixxu piż kbir għal impriżi żgħar u ta' daqs medju u li, għalhekk, huma inkonsistenti mal-għan rifless fil-premessa 8 tar-Regolament REACH[12].

10 — Għal paragun iktar iddettaljat tal-portata ta' dawn iż-żewġ serje ta' rekwiżiti, ara l-punti 41 sa 44 iktar 'l isfel.

11 — Artikolu 12 tal-Kapitolu 14 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent.

12 — Skont din il-premessa, "[g]handu jittieħed kont speċjali tal-impatt potenzjali ta' dan ir-Regolament fuq intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-ħtieġa li tiġi evitata kull diskriminazzjoni kontrihom".

28. Madankollu, dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jikkonċerna esklużivament jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix Stat Membru milli jirrikjedi li persuni, li, għal negozju, jimportaw prodott kimiku lejn dan l-Istat Membru, jinnotifikawh lil awtorità nazzjonali għal reġistrazzjoni f'reġistru ta' prodotti kimiċi. Il-qorti tar-rinviju ma titlobx gwida dwar jekk xi tariffi li jitħallsu għal prodotti kimiċi importati lejn l-Isvezja humiex konformi mad-dritt tal-Unjoni [13].

29. Fl-aħħar nett, ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi preliminari magħmula għandhom ikunu ta' rilevanza speċjali fid-Danimarka, fil-Finlandja u fin-Norveġja [14], fejn jeżistu reġistri ta' prodotti kimiċi komparabbli mar-reġistru Svediż tal-prodotti u li jaqsmu din l-informazzjoni fid-Database SPIN (Substances in Preparations in the Nordic Countries jew Sustanzi fi Preparati fil-Pajjiżi Nordiċi) [15].

*Ir-Regolament REACH jipprekludi Stat Membru milli jitlob li prodotti kimiċi importati lejn it-territorju tiegħu jiġu nnotifikati għal reġistrazzjoni f'reġistru ta' prodotti kimiċi, minkejja li dawn il-prodotti jkunu diġà suġġetti għal rekwiżit ta' notifika u ta' reġistrazzjoni skont dan ir-regolament (l-ewwel domanda)?*

30. L-ewwel domanda essenzjalment tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 128 tar-Regolament REACH. L-Artikolu 128(1), fil-prinċipju, jipprekludi l-Istati Membri milli jipprojbixxu, jirrestriġu jew jimpedixxu ċ-ċirkolazzjoni ta' sustanzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament u li jikkonformaw miegħu. Dan ifisser, b'mod partikolari, li sustanzi li ma jkunux suġġetti għar-rekwiżit ta' notifika u reġistrazzjoni skont ir-Regolament REACH (bħat-392 tunnellata ta' sustanzi kimiċi importati lejn l-Isvezja inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali) ikunu permessi, fil-prinċipju, jiċċirkolaw fis-suq intern wara r-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-Unjoni [16].

31. Madankollu, skont il-bidu tal-ewwel frażi tal-Artikolu 128(1), dik ir-regola tapplika "suġġett[a] għall-paragrafu 2". Skont din l-aħħar dispożizzjoni, l-Istati Membri jkunu ħielsa jżommu jew jistabbilixxu regoli nazzjonali li jipproteġu l-ħaddiema, is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, f'każijiet fejn dan ir-regolament ma jarmonizzax ir-rekwiżiti dwar manifattura, tqegħid fis-suq jew użu ta' sustanzi kimiċi.

13 — Wieħed jifhem, għalhekk, għaliex il-qorti tar-rinviju ma tat ebda informazzjoni dwar il-bażi legali ta' dawn it-tariffi, l-ammont tagħhom jew kif jiġu kkalkolati. Hija tagħmel riferiment biss għal dak li kkonstatat il-Hovrätten li r-reġistru tal-prodotti inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali jintuża *inter alia* bħala l-bażi għall-ħruġ ta' fatturi ta' tariffi għal sustanzi kimiċi għall-finanzjament ta' attivitajiet ta' monitoraġġ (paragrafu 25 tad-deċiżjoni tar-rinviju).

14 — Ir-Regolament REACH japplika fin-Norveġja bħala riżultat tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 25/2008, tal-14 ta' Marzu 2008, li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (ĠU 2008 L 182, p. 11).

15 — Din id-database tista' tiġi kkonsultata elettronikament fl-indirizz li ġej: http://195.215.202.233/DotNetNuke/default.aspx

16 — Premessa 19. Jista' jkun meħtieġ li jiġu ssodisfatti kundizzjonijiet addizzjonali qabel ma sustanza tkun tista' tiċċirkola fis-suq intern (ara b'mod partikolari l-Artikolu 56(1) u l-Artikolu 67(1) tar-Regolament REACH).

32. L-Artikolu 128(2) ma kienx jinsab fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni [17]. Madankollu d-dibattiti fil-Kunsill "tennew l-importanza li tinżamm il-kapaċità nazzjonali li jkun hemm tweġiba għall-isfidi u li tinżamm il-kapaċità li jkunu evalwati sustanzi li x'aktarx jikkostitwixxu riskju għas-saħħa u/jew għall-ambjent" [18]. Maġġoranza fil-Kunsill, għalhekk, tat l-appoġġ tagħha għal dan, inkluż din id-dispożizzjoni addizzjonali [19], li tikkonferma li r-Regolament REACH jarmonizza r-rekwiżiti dwar manifattura, tqegħid fis-suq jew użu f'ċerti każijiet biss [20].

33. L-Artikolu 128(2) fil-fatt fih żewġ kundizzjonijiet. L-ewwel waħda hija li l-flessibbiltà li huwa jagħti lill-Istati Membri hija limitata għal sitwazzjonijiet fejn ir-Regolament REACH *ma jarmonizzax* ir-rekwiżiti dwar manifattura, tqegħid fis-suq jew użu ta' sustanzi kimiċi [21]. It-tieni waħda hija li l-miżuri nazzjonali adottati fuq dik il-bażi għandu jkollhom l-għan li jipproteġu l-ħaddiema, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent.

34. Ir-rekwiżiti nazzjonali ta' notifika u ta' reġistrazzjoni inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali fl-aħħar mill-aħħar għandhom l-għan li jipproteġu s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent [22]. Il-kwistjoni deċiżiva f'dan il-każ, għalhekk, hija jekk id-dispożizzjonijiet tar-Regolament REACH li jirrikjedu notifika u reġistrazzjoni ta' sustanzi kimiċi jimplikawx grad ta' armonizzazzjoni li jipprekludi rekwiżit nazzjonali ta' dan it-tip.

35. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet reċentement, ir-Regolament REACH jintroduċi sistema integrata għall-monitoraġġ ta' sustanzi kimiċi, inkluż r-reġistrazzjoni tagħhom, l-evalwazzjoni tagħhom, kif ukoll l-awtorizzazzjoni tagħhom u restrizzjonijiet eventwali dwar l-użu tagħhom [23]. Il-prinċipji kardinali li jirregolaw dawn l-aspetti kienu ppreżentati mill-Kummissjoni fl-introduzzjoni għall-proposta tagħha, li tiddeskrivi s-sistema REACH bħala li tikkomprendi: qabel kollox, ir-reġistrazzjoni (li biha l-industrija hija obbligata li tikseb informazzjoni rilevanti dwar is-sustanzi li tipproduċi u li tuża data sabiex tiġġestixxihom b'mod sikur); insegwitu, l-evalwazzjoni (li tippermetti li li jiġi vverifikat jekk l-industrija tosservax l-obbligi tagħha), u l-awtorizzazzjoni għal sustanzi ta' tħassib serju ħafna (sakemm ir-riskji assoċjati ma użi jkunu kkontrollati b'mod adegwat jew li l-benefiċċji soċjoekonomiċi jegħlbu r-riskji meta ma jkunx hemm sustanzi jew teknoloġiji ta' sostituzzjoni bħala alternattiva adatta); u, fl-aħħar nett, il-proċedura ta' restrizzjonijiet (li tipprovdi xibka ta' sigurtà għall-kontroll tar-riskji li ma jkunux ġew indirizzati b'mod adegwat minn dispożizzjonijiet oħra tas-sistema REACH) [24].

36. Konformement ma' dawn il-prinċipji, ir-Regolament REACH iqiegħed lill-industrija responsabbli għall-analiżi ta' sustanzi kimiċi. Għal dak il-għan huwa jistabbilixxi għadd ta' mekkaniżmi marbuta mal-informazzjoni li għandhom l-għan, tul il-katina kollha ta' provvista, li jidentifikaw kull kwalità perikoluża u li jikkontrollaw ir-riskju sabiex ikun żgurat li s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent ma jintlaqtux ħażin [25]. Manifatturi u importaturi huma obbligati, għalhekk, b'mod partikolari, jipproduċu

17 — Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, l-evalwazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u r-Regolament (KE) dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes, COM(2003) 644 finali. L-Artikolu 125 tal-proposta kien fih biss is-sustanza ta' dak li kellu jkun l-Artikolu 128(1) tar-Regolament REACH.

18 — Stqarrija għall-Istampa dwar il-laqgħa 2665 tal-Kunsill Kompetittività (Suq Intern, Industrija u Riċerka) li kienet saret fil-Lussemburgu fis-6 u 7 ta' Ġunju 2005, C/05/133, p. 9.

19 — Linji gwida komuni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, l-evalwazzjoni,, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u r-Regolament (KE) dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes, u dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE sabiex tiġi adattata għar-Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, l-evalwazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi, dokument tal-Kunsill 15472/05, tat-8 ta' Diċembru 2005, p. 6.

20 — F'dan is-sens, ara s-sentenza Lapin luonnonsuojeluprii ( C-358/11, EU:C:2013:142, punt 33).

21 — Għall-kuntrarju, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri ta' salvagwardja li jidderogaw mir-regoli armonizzati biss skont il-kundizzjonijiet proċedurali u sostantivi stretti stabbiliti fl-Artikolu 129 tar-Regolament REACH.

22 — Ara ulterjorment dwar dawn l-għanijiet il-punt 40 iktar 'l isfel.

23 — Sentenza FCD u FMB ( C-106/14, EU:C:2015:576, punt 32).

24 — Sentenza FCD u FMB ( C-106/14, EU:C:2015:576, punt 32).

25 — Sentenza FCD u FMB ( C-106/14, EU:C:2015:576, punt 33).

data dwar is-sustanzi li jimmanifatturaw jew li jimportaw, li jużaw din id-data sabiex jevalwaw ir-riskji relatati ma' dawn is-sustanzi kif ukoll sabiex jiżviluppaw u jirrakkomandaw miżuri xierqa ta' kontroll ta' riskji [26]. Huwa biss meta l-manifatturi jew l-importaturi jkunu ssottomettew din l-informazzjoni lill-Aġenzija għal reġistrazzjoni li s-sustanzi kkonċernati jkunu jistgħu jiġu mmanifatturati jew imqiegħda fis-suq fl-Unjoni Ewropea (skont il-prinċipju ta' "ebda data, ebda suq").

37. Huwa f'dan l-isfond li ser neżamina issa jekk ir-Regolament REACH jipprekludix rekwiżiti nazzjonali ta' notifika u ta' reġistrazzjoni bħal dawk inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali, meqjusa l-għanijiet ta' dan ir-regolament u l-grad li jirriżulta ta' armonizzazzjoni li huwa jikseb.

38. Fil-kawża li tat lok għas-sentenza Lapin luonnonsuojelupiiri [27], il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat sa fejn ir-Regolament REACH jarmonizza *restrizzjonijiet* dwar l-użu ta' sustanzi. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li "l-manifattura, l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' sustanza msemmija fl-Artikolu 67(1), tar-Regolament REACH ma jistgħux jiġu suġġetti għal kundizzjonijiet oħra għajr dawk stabbiliti permezz ta' dan ir-regolament u li jissodisfaw, kif jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 68(1), u 69 tal-istess regolament, il-bżonn ta' 'azzjoni fuq il-livell Komunitarju'" [28]. Fil-prinċipju, għalhekk, l-adozzjoni ta' kundizzjonijiet għajr dawk stabbiliti fir-Regolament REACH ġie deċiża li kienet inkompatibbli mal-għanijiet ta' dan ir-regolament u, b'mod iktar partikolari, mal-Artikoli 67 u 128 tiegħu [29]. Fil-fehma tiegħi u loġikament, l-istess raġunament għandu japplika għall-awtorizzazzjoni ta' sustanzi. Li sustanzi, wara li jkunu ġew awtorizzati regolarment mill-Kummissjoni, jiġu suġġetti għal proċedura ta' awtorizzazzjoni addizzjonali fil-livell nazzjonali, b'mod ċar imur kontra s-sistema integrata ta' awtorizzazzjoni stabbilita mir-Regolament REACH u, b'estensjoni, il-prinċipju fl-Artikolu 128(1) tiegħu li skontu sustanzi li jikkonformaw ma' dan ir-regolament jistgħu jiċċirkolaw liberament fis-suq intern [30].

39. Madankollu, jidhirli li r-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-grad ta' armonizzazzjoni miksub permezz tar-Regolament REACH fir-rigward ta' restrizzjonijiet (u effettivament l-awtorizzazzjonijiet) ma jistax jiġi traspost għal dan il-każ, li jikkonċerna l-grad ta' armonizzazzjoni milħuq fir-rigward ta' *reġistrazzjoni* ta' sustanzi. Ir-rekwiżiti ta' notifika u ta' reġistrazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma humiex kundizzjoni minn qabel għat-tqegħid ta' prodott kimiku fis-suq Svediż. Jidher b'mod partikolari mill-Artikolu 4 tar-Regolamenti tal-Aġenzija Svediża li dan ir-rekwiżit huwa pjuttost formalità li ssegwi jew mill-manifattura jew mill-importazzjoni ta' prodotti kimiċi. Barra minn hekk, id-dokumenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jindikaw li n-nuqqas ta' osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti ma jirrendix illegali t-tqegħid fis-suq ta' dawn il-prodotti. Dan sempliċement jirriżulta f'piena ta' multa jew ħabs għal dawk li jiksru l-obbligu tagħhom li jinnotifikaw. [31]

40. Insegwitu, ir-reġistru Svediż tal-prodotti għandu l-għan li tingħata ħarsa ġenerali fuq il-prodotti kimiċi (jiġifieri sustanzi kimiċi u l-preparati ta' sustanzi kimiċi li ma humiex prodotti bażiċi) [32] immanifatturati fi jew importati lejn l-Isvezja għal negozju kif ukoll fuq l-użi tagħhom. Din il-ħarsa ġenerali għandha diversi funzjonijiet [33] . Fl-ewwel lok, dan ir-reġistru jintuża bħala database mill-Aġenzija Svediża ta' Sustanzi Kimiċi u minn awtoritajiet oħra sabiex issir sorveljanza ta' prodotti kimiċi. Din id-database tipprovdi lil dawn l-awtoritajiet b'informazzjoni utli, qabel kull spezzjoni, dwar operaturi ekonomiċi u l-prodotti li jimmanifatturaw jew jimportaw. Għalhekk hija ta' għajnuna għall-awtoritajiet sabiex jagħżlu liema installazzjonijiet ikunu jeħtieġu spezzjoni abbażi ta' evalwazzjoni

26 — Regolament REACH, premesa 19.

27 — C-358/11, EU:C:2013:142.

28 — Sentenza Lapin luonnonsuojelupiiri ( C-358/11, EU:C:2013:142, punt 35).

29 — Sentenza Lapin luonnonsuojelupiiri (C-358/11, EU:C:2013:142, punti 37 u 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 — Tali awtorizzazzjoni addizzjonali setgħet tkun aċċettata biss skont id-dispożizzjoni ta' salvagwardja fl-Artikolu 129 tar-Regolament REACH.

31 — Ara l-punt 16 iktar 'il fuq.

32 — Artikolu 2(1) tal-Kapitolu 14 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent.

33 — L-osservazzjonijiet tal-Gvern Svediż u tal-Kummissjoni jikkorrispondu dwar dak il-punt mas-sommarju tal-konstatazzjonijiet tal-Hovrätten li hemm fid-deċiżjoni tar-rinviju, li l-qorti tar-rinviju ma għandhiex dubju dwarhom.

tar-riskju. Waqt is-seduta, il-Gvern Svediż semma li mill-Aġenzija Svediża tas-Sustanzi Kimiċi, jużaw id-database ukoll awtoritajiet oħra bħaċ-ċentri għall-velenu, il-pumpiera, (li, pereżempju, ikunu jeħtieġu informazzjoni dwar liema sustanzi kimiċi jkun hemm fejn iseħħ aċċident), korpi responsabbli mill-ispezzjoni ta' installazzjonijiet ikklassifikati u awtoritajiet lokali. Fit-tieni lok, l-informazzjoni li tinsab fir-reġistru Svediż tal-prodotti sservi bħala l-bażi għad-determinazzjoni ta' tariffi li jiffinanzjaw il-missjoni ta' sorveljanza ta' prodotti kimiċi. Fit-tielet lok, ir-reġistru Svediż tal-prodotti jgħin sabiex tkun ipprovduta statistika, inkluża statistika uffiċjali dwar l-użu u l-bejgħ ta' sustanzi kimiċi, u permezz tiegħu jkunu jistgħu jiġu analizzati x-xejriet. Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jużaw l-informazzjoni fir-reġistru sabiex iħejju politika ambjentali – inkluża politika fil-livell tal-Unjoni – u għal finijiet ta' riċerka.

41. Dawn l-għanijiet u l-ħtieġa li tirriżulta li tingħata ħarsa ġenerali fuq il-prodotti kimiċi mmanifatturati fi jew importati lejn l-Isvezja għal negozju, inkluż il-post preċiż fejn ikunu jinsabu, jispjegaw għaliex ir-reġistru Svediż tal-prodotti kimiċi u dak tal-Unjoni huma differenti minn xulxin b'mod sinjifikattiv, kemm mill-perspettiva tal-portata tagħhom kif ukoll mill-informazzjoni ddettaljata li għandhom.

42. Ir-reġistrazzjoni skont ir-Regolament REACH tikkonċerna l-manifattura jew it-tqegħid fis-suq ta' sustanzi fl-Unjoni, fl-intier tagħha, konformement mal-għan li titwaqqaf sistema integrata fil-livell tal-Unjoni [34]. Din ir-reġistrazzjoni tirrikjedi li l-industrija tikseb informazzjoni rilevanti dwar dawn is-sustanzi tagħha u li tuża din l-informazzjoni sabiex tiżgura kontroll sikur tal-imsemmija sustanzi. Madankollu, ma jipprovdi ebda ħarsa ġenerali dwar il-manifattura jew it-tqegħid fis-suq ta' sustanzi f'kull Stat Membru individwali.

43. Għalhekk, huwa paċifiku li r-Regolament REACH ma jitlobx fil-prinċipju r-reġistrazzjoni ta' sustanzi minn utenti "downstream" [35]. L-utent "downstream" għandu jgħarraf lill-Aġenzija bl-identità tiegħu, bid-dettalji ta' kuntatt u dwar is-sustanza jew sustanzi li huwa juża biss meta, essenzjalment, ikun biħsiebu jagħmel użu partikolari ta' sustanza rreġistrata li ma tkunx diġà koperta b'reġistrazzjoni jew li l-fornitur jagħtih parir kontriha [36]. Konsegwentement, kif il-Gvern Svediż u l-Kummissjoni ġustament innotaw, ir-reġistru tal-Unjoni ma jagħtix informazzjoni sistematika lill-awtoritajiet nazzjonali dwar fejn fl-Unjoni Ewropea tkun qed tintuża sustanza rreġistrata minn utenti "downstream" u f'liema kwantitajiet. Għall-kuntrarju, utent "downstream" li jimporta mill-inqas 100 kilogramma ta' prodott kimiku partikolari lejn l-Isvezja kull sena huwa obbligat li jinnotifikah lill-Aġenzija Svediża tas-Sustanzi Kimiċi.

44. L-għanijiet speċifiċi tar-reġistru Svediż tal-prodotti jispjegaw ukoll għaliex iż-żewġ reġistri għandhom kopertura differenti fir-rigward tal-kategoriji ta' prodotti kimiċi suġġetti għal reġistrazzjoni u tal-informazzjoni disponibbli għal kull prodott. B'hekk ir-rekwiżiti ta' notifika u ta' reġistrazzjoni skont il-Kodiċi dwar l-Ambjent japplikaw għall-manifatturi u l-importaturi ta' prodotti kimiċi fl-Isvezja sa fejn huma jimmanifatturaw jew jimportaw mill-inqas 100 kilogramma ta' prodott kimiku kull sena. B'kuntrast, ir-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-Unjoni tapplika biss għall-produtturi jew l-importatur ta' sustanza, jew waħidha jew fi preparat wieħed jew iktar, fi kwantitajiet ta' tunnellata metrika waħda jew iktar kull sena [37]. Barra dan, ir-rekwiżiti ta' notifika u reġistrazzjoni nazzjonali inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali jkopru l-prodotti kimiċi kollha, u, għalhekk, jinkludi l-*preparati* ta' sustanzi kimiċi, filwaqt li s-*sustanzi* nfushom biss ikunu suġġetti għal reġistrazzjoni skont ir-Regolament REACH (anki

34 — Ara l-punt 35 iktar 'il fuq.

35 — Ħlief meta l-utent "downstream" ikun ukoll produttur ta' oġġetti li fihom ikun hemm sustanza u li tkun suġġetta għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament REACH.

36 — Artikolu 37(4), moqri flimkien mal-Artikolu 38, tar-Regolament REACH.

37 — Artikolu 6(1) tar-Regolament REACH. Bl-istess mod, importatur jew produttur ta' oġġetti għandu jippreżenta reġistrazzjoni lill-Aġenzija għal kull sustanza li jkun hemm f'dawk l-oġġetti biss jekk, *inter alia*, is-sustanza tkun f'dawn l-oġġetti fi kwantitajiet li jikkostitwixxu total ta' iktar minn tunnellata metrika waħda għal kull produttur jew importatur kull sena (Artikolu 7(1)).

meta jkunu fi preparat jew f'oġġett)[38]. Barra minn hekk, xi whud mill-kategoriji ta' informazzjoni meħtieġa skont ir-Regolamenti tal-Aġenzija Svediża jikkonċernaw esklużivament jew essenzjalment preparati[39] jew (b'mod iktar ġenerali) imorru lil hinn mill-informazzjoni meħtieġa skont ir-Regolament REACH[40].

45. Fil-fehma tiegħi, la l-kliem u lanqas l-għanijiet tar-Regolament REACH ma jissuġġerixxu li Stat Membru huwa preklużż milli jirrikjedi li manifatturi u importaturi ta' prodotti kimiċi jagħtu lil awtorità nazzjonali informazzjoni bħal dik li tinsab fir-reġistru Svediż tal-prodotti sabiex jara li jintlaħqu l-għanijiet bħal dawk stabbiliti fil-punt 39 iktar 'il fuq. Għalhekk il-premessa 44 tar-Regolament REACH, li tgħid li "ir-reġistrazzjonijiet kollha għandhom jiġu ppreżentati lill-Aġenzija", tapplika biss fil-kamp ta' applikazzjoni tal-armonizzazzjoni miksuba permezz tar-Regolament REACH.

46. Jidhirli li, għall-kuntrarju, reġistru ta' prodotti kimiċi bħal dak inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali, huwa tali li jippromwovi l-għan tar-Regolament REACH sabiex ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, minbarra ċ-ċirkolazzjoni libera ta' sustanzi fis-suq intern.

47. Fl-ewwel lok, kif il-Gvern tal-Finlandja, tan-Norveġja u tal-Isvezja, kif ukoll il-Kummissjoni essenzjalment jissottomettu, reġistru ta' prodotti kimiċi bħal dak inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali jista' jgħin lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali sabiex jivverifikaw jekk l-operaturi ekonomiċi jkunux konformi mal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament REACH. Jista' jintuża, pereżempju, sabiex jiġi vverifikat jekk manifattur jew importatur ta' sustanza, jew waħidha jew fi preparat, jew jekk produttur jew importatur ta' oġġetti li fihom ikun hemm sustanza, ikunux laħqu l-limiti ta' kwantità li jagħtu lok għal obbligu ta' reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6 jew 7 tar-Regolament REACH. Jista' jkun ukoll utli sabiex jiġi vverifikat li utent "downstream" ikun qed juża sustanza suġġetta għal awtorizzazzjoni skont il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni mogħtija lil utent "upstream"[41]. Reġistru ta' prodotti kimiċi bħal dak inkwistjoni fit-tiwima fil-kawża prinċipali jista', għalhekk, ikun jagħmel parti mis-sistema ta' kontrolli uffiċjali li Stat Membru jżomm skont l-Artikolu 125 tar-Regolament REACH u, fl-aħħar mill-aħħar, jgħin lil dan l-Istat Membru sabiex iwettaq l-obbligi tiegħu ta' rapportar skont l-Artikoli 117 u 127.

48. Fit-tieni lok, tali reġistru jista' jservi bħala bażi għal Stat Membru sabiex jipproponi emendi għal-listi ta' sustanzi li jkunu suġġetti għal awtorizzazzjoni jew għal restrizzjonijiet skont ir-Regolament REACH.

49. Il-kopertura wiesgħa tar-reġistru Svediż tal-prodotti tagħti lill-awtoritajiet kompetenti kamp ta' applikazzjoni ikbar biex iwettqu spezzjonijiet fuq il-manifattura jew l-użu ta' prodotti kimiċi fl-Isvezja, 'il fuq minn ċerti kwantitajiet u matul negozju. Dan huwa dovut b'mod partikolari għall-fatt li r-rekwiżiti ta' notifika u ta' reġistrazzjoni inkwistjoni jkopru l-manifattura jew l-importazzjoni ta' *preparati* ta' sustanzi kimiċi, kif ukoll sustanzi kimiċi nfushom, u japplikaw għal persuna li timmanifattura jew timporta mill-inqas 100 kilogramma ta' prodott kimiku kull sena (waħda minn kull għaxar parti tal-limitu skont l-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament REACH). Tali spezzjonijiet jistgħu jiżvelaw, pereżempju, xi jqisu l-awtoritajiet kompetenti bħala riskju mhux aċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, li jkun jeħtieġ li jiġi indirizzat fuq il-livell tal-Komunità, li jkun ġej mill-manifattura, l-użu jew it-tqegħid fis-suq ta' sustanza[42]. F'każ bħal dan, l-Isvezja tista' tipproponi jew li żżid restrizzjoni ġdida ma' jew li temenda restrizzjoni eżistenti fil-lista tal-Anness XVII billi

38 — Waqt is-seduta l-Gvern Svediż ikkonferma li madwar 90 % tar-reġistrazzjonijiet kollha fir-reġistru tal-prodotti Svediż kienu dwar preparati ta' sustanzi kimiċi.

39 — Pereżempju, wieħed mill-punti tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 3 tar-Regolamenti tal-Aġenzija Svediża tas-Sustanzi Kimiċi, li huwa dwar żebgħa, verniċi u prodotti għal żebgħa mill-ġdid ta' vetturi, u preservattivi li jkun hemm fi prodotti.

40 — Pereżempju, wieħed mill-punti tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 3 tal-Aġenzija Svediża tal-Prodotti Kimiċi, dwar il-funzjoni tal-prodott jew ta' prodotti li jintużaw fil-manifattura bħala prodott tal-bidu.

41 — Artikolu 56(2) tar-Regolament REACH.

42 — Artikolu 68(1) tar-Regolament REACH.

tippreżenta lill-Aġenzija dossier skont l-Artikolu 69(4) u l-Anness XV tar-Regolament REACH [43]. Effettivament, dan juri r-rwol ċentrali li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jagħti lill-Istati Membri mhux biss li jinfurzaw ir-Regolament REACH individwalment, iżda wkoll li jiskambjaw informazzjoni permezz tal-Aġenzija (b'mod partikolari permezz tal-Kumitat tal-Istati Membri mwaqqaf skont l-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament REACH) sabiex jevalwa regoli eżistenti u jissuġġerixxi iktar armonizzazzjoni fejn ikun meħtieġ [44].

50. Jiena, għalhekk nikkonkludi, li l-Artikolu 128 tar-Regolament REACH ma jipprekludix Stat Membru milli jadotta dispożizzjonijiet – bħal dawk tal-Kodiċi dwar l-Ambjent, tar-Regolament dwar Prodotti Kimiċi, u tar-Regolamenti tal-Aġenzija Svediża tas-Sustanzi Kimiċi inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali – li jitolbu li persuna li, għal negozju, timporta ċerta kwantità ta' prodotti kimiċi kull sena lejn it-territorju tagħha, li tinnotifika dik l-importazzjoni lil awtorità pubblika għal reġistrazzjoni f'reġistru ta' prodotti kimiċi, bil-għan li jitħares l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem.

*L-Artikoli 34 TFUE u 36 TFUE jipprekludu r-rekwiżiti ta' notifika u ta' reġistrazzjoni bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali (it-tieni domanda)?*

51. Minħabba li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-armonizzazzjoni miksuba permezz tar-Regolament REACH, jeħtieġ li tiġi eżaminata t-tieni domanda dwar il-moviment liberu tal-merkanzija [45]. Ir-rekwiżiti ta' notifika u ta' reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 12 tal-Kapitolu 14 tal-Kodiċi dwar l-Ambjent, u implementati bir-Regolament dwar Prodotti Kimiċi u bir-Regolamenti tal-Aġenzija Svediża huma miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva dwar importazzjonijiet skont it-tifsira tal-Artikolu 34 TFUE sa fejn japplika għal prodotti kimiċi li joriġinaw minn Stati Membri oħra? Jekk huwa hekk, huwa ġġustifikat bl-għan tal-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem?

52. Il-miżuri kollha ta' Stat Membru li jistgħu jfixklu, direttament jew indirettament, attwalment jew potenzjalment, il-kummerċ fl-Unjoni Ewropea għandhom jitqiesu li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi skont it-tifsira tal-Artikolu 34 TFUE [46]. B'mod partikolari, formalitajiet għall-importazzjoni jistgħu jfixklu l-kummerċ fis-suq intern u jostakolaw l-aċċess għas-suq ta' merkanzija li tkun mmanifatturata b'mod legali u kkummerċjalizzata fi Stati Membri oħra [47].

53. Filwaqt li r-rekwiżiti ta' notifika u ta' reġistrazzjoni inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali ma humiex kundizzjoni minn qabel sabiex prodott kimiku jitqiegħed fis-suq Svediż [48], in-natura obbligatorja tiegħu, in-natura ddettaljata tal-informazzjoni li r-reġistrant ikollu jippreżenta lill-Aġenzija tas-Sustanzi Kimiċi u l-impożizzjoni ta' pieni għal nuqqas ta' konformità lkoll jistgħu jħallu effetti restrittivi fuq il-moviment liberu ta' prodotti kimiċi importati lejn l-Isvezja minn Stati Membri oħra [49].

54. Il-Gvern Svediż jissottometti li tali restrizzjoni hija ġġustifikata fid-dawl tal-għan, segwit mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fit-tiwima fil-kawża prinċipali, li jitħares l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem [50].

43 — Dan id-dossier għandu jinkludi l-identità tas-sustanza u r-restrizzjonijiet proposti, ġustifikazzjoni fil-qosor, informazzjoni dwar perikli u riskji, informazzjoni dwar sustanzi u tekniki alternattivi, informazzjoni dwar għaliex tkun meħtieġa azzjoni abbażi tal-Unjoni kollha u informazzjoni dwar l-impatt soċjoekonomiku tar-restrizzjoni proposta.

44 — Ibidem, premessi 20, 21, 103, 105 u 119.

45 — Ara, pereżempju, b'analoġija, is-sentenzi ATRAL (C-14/02 , EU:C:2003:265, punti 49 u 61 u l-ġurisprudenza ċċitata) u Radlberger Getränkegesellschaft u S. Spitz, C-309/02, EU:C:2004:799, punti 56 u 57).

46 — Ir-regola magħrufa sewwa "Dassonville" (sentenza Dassonville, 8/74, EU:C:1974:82, punt 5). Għall-ġurisprudenza l-iktar reċenti, ara s-sentenza Capoda Import-Export (C-354/14, EU:C:2015:658, punt 39, u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Ahokainen u Leppik (C-434/04, EU:C:2006:609, punt 21, u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 — Punt 39 iktar 'il fuq.

49 — Ara, b'analoġija, is-sentenza Kieffer u Thill (C-114/96, EU:C:1997:316, punt 28).

50 — Ara l-punt 34 iktar 'il fuq.

55. Skont l-Artikolu 36 TFUE, l-Artikolu 34 TFEU ma jipprekludix projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet iġġustifikati abbażi ta', b'mod partikolari, il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja umana u li jkunu proporzjonati għal dawn l-għanijiet. Barra minn hekk, hija ġurisprudenza stabbilita li miżuri nazzjonali li jistgħu jostakolaw il-kummerċ fis-suq intern u ma jaqgħux fl-eċċezzjoni tal-Artikolu 36TFUE jistgħu jiġu ġġustifikati b'ċerti "rekwiżiti obbligatoji" bħall-protezzjoni tal-ambjent sakemm il-miżuri inkwistjoni huma applikabbli għal prodotti domestiċi u prodotti li joriġinaw minnn Stati Membri oħra [51] u jkunu proporzjonati għall-għan segwit [52]. Dan ifisser li l-miżuri nazzjonali għandhom ikunu adatti biex jiżguraw li dan l-għan jinkiseb u li ma jmorrux lil hinn minn dak meħtieġ sabiex dan jinkiseb [53].

56. F'dan il-każ, ir-rekwiżit nazzjonali inkwistjoni huwa intiż b'mod partikolari għall-protezzjoni tal-ambjent u japplika kemm għall-importazzjoni u l-manifattura ta' prodotti kimiċi. Huwa ma jiddiskriminax bejn prodotti domestiċi u importati.

57. Peress li l-protezzjoni tal-ambjent, minn naħa, u tal-ħajja umana u tas-saħħa, min-naħa l-oħra, huma għanijiet relati ħafna ma' xulxin, jixraq li jiġu eżaminati flimkien [54].

58. Fir-rigward tal-ewwel parti tal-eżami tal-proporzjonalità, huwa ċar li r-reġistru Svediż tal-prodotti huwa adatt biex jinkisbu ħafna mill-għanijiet stabbiliti fil-punt 40 iktar 'il fuq. Fl-ewwel lok, dan ir-reġistru jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti b'informazzjoni utli sabiex jidentifikaw fejn jagħmlu spezzjonijiet abbażi ta' evalwazzjoni tar-riskju. Għalhekk x'aktarx li jiffaċilita s-sorveljanza tal-manifattura jew tal-użu ta' prodotti kimiċi għal negozju fl-Isvezja. Din is-sorveljanza tinkludi li jkun żgurat li l-operaturi ekonomiċi josservaw l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament REACH [55]. Barra minn hekk, id-database li hemm fir-reġistru Svediż tal-prodotti tiġġenera data ta' statistika dwar l-użu u l-bejgħ ta' sustanzi kimiċi u tgħin sabiex jiġu analizzati xejriet – pereżempju, dwar il-kategoriji u l-kwantitajiet ta' sustanzi perikolużi użati mill-industrija Svediża, jew il-proporzjon ta' tali prodotti importati lejn l-Isvezja mqabbel ma' dak ta' prodotti mmanifatturati hemmhekk. Fl-aħħar nett, huwa paċifiku li r-reġistru Svediż tal-prodotti (kif ukoll, jista' jiġi sostnut, anki l-analiżi tal-istatistika u tax-xejriet li huwa jagħmel possibbli) jista' jipprovdi informazzjoni utli lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali meta jiġu biex jifformulaw politika fil-qasam ambjentali.

59. B'kuntrast, m'jienx konvint għalkollox li r-reġistru Svediż tal-prodotti huwa strument adatt sabiex jiffaċilita tweġiba malajr u xierqa għal aċċidenti bħal avvelenament jew ħruq f'installazzjonijiet fejn jinħażnu jew jiġu pproċessati prodotti kimiċi. Ħafna mill-informazzjoni dwar il-prodotti kimiċi ma jeħtiġilhiex tiġi kkomunikata lill-Aġenzija tas-Sustanzi Kimiċi minnufih wara importazzjoni. Din l-informazzjoni għandha tingħata biss sat-28 ta' Frar tas-sena kalendarja wara li jkun seħħ l-obbligu ta' notifika. Konsegwentement, ikun għalkollox possibbli li l-awtoritajiet kompetenti Svediżi *ma jkollhomx* l-informazzjoni meħtieġa sabiex jirreaġixxu b'mod adatt għal aċċident li jkun jinvolvi prodotti kimiċi. L-informazzjoni tista' (kompletament b'mod leġittimu) ma tkunx għadha ġiet innotifikata [56].

51 — Sentenza Aragonesa de Publicidad Exterior u Publivía (C-1/90 u C-176/90, EU:C:1991:327, punt 13).

52 — Ara, pereżempju, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (302/86, EU:C:1988:421, punti 9 u 12), Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-320/03, EU:C:2005:684, punt 70) u Mickelsson u Roos (C-142/05, EU:C:2009:336, punt 32).

53 — Ara, *inter alia*, is-sentenza ATRAL (C-14/02, EU:C:2003:265, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 — Ara, b'analoġija, is-sentenza Mickelsson u Roos ( C-142/05, EU:C:2009:336, punt 33).

55 — Ara l-punt 47 iktar 'il fuq.

56 — Ċertament, informazzjoni rilevanti tista' tinkiseb mill-awtoritajiet kompetenti għal raġunijiet oħra. Waqt is-seduta, il-Gvern Svediż spjega li fil-fatt setgħet tirregola leġiżlazzjoni nazzjonali jew lokali separata, pereżempju, it-trasport ta' sustanzi perikolużi. Informazzjoni rilevanti tista' tinkiseb ukoll bħala riżultat tar-rekwiżit ta' notifika skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll tal-perikolu ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 5, Vol. 2, p. 410, imsejħa id-"Direttiva Seveso II"). Din id-dispożizzjoni kienet issostitwita b'seħħ mill-1 ta' Ġunju 2015, bl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 **dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE** (ĠU L 197, p. 1) (imsejħa d-"Direttiva Seveso III").

60. Fir-rigward tat-tieni parti tal-test tal-proporzjonalità, ir-rekwiżiti ta' notifika u ta' reġistrazzjoni inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali ma jidhirlix li jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fil-punt 58 iktar 'il fuq.

61. L-ewwel nett, l-effetti ta' dawn ir-rekwiżiti fuq il-kummerċ fis-suq intern jidhru li huma limitati [57]. Ma tipprekludi li prodotti kimiċi li joriġinaw minn Stati Membri oħra jitqiegħdu fis-suq Svediż [58].

62. It-tieni nett, naqbel mal-Gvern tad-Danimarka u mal-Gvern tal-Isvezja li l-ħarsa ġenerali globali biss fuq prodotti kimiċi fl-Isvezja li r-reġistru Svediż tal-prodotti joffri tista' tissodisfa d-diversi funzjonijiet deskritti fil-punt 40 iktar 'il fuq (fil-limiti stabbiliti fil-punt 58) u konsegwentement jinkiseb il-livell ta' protezzjoni tal-ambjent u tal-ħajja umana u tas-saħħa li l-Isvezja tfittex li tiżgura. Ir-reġistru tal-Unjoni stabbbilit skont ir-Regolament REACH ma jagħtix din il-ħarsa ġenerali [59] .

## Konklużjoni

63. Għar-raġunijiet kollha msemmija iktar 'il fuq, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi kif ġej b'risposta għad-domandi magħmula mill-Hogsta domstolen (qorti suprema, l-Isvezja):

La l-Artikolu 128 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 **dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)**, u lanqas l-Artikolu 34 jew l-Artikolu 36 TFUE, ma jipprekludu Stat Membru milli jadotta dispożizzjonijiet – bħal dawk fil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali – li jobbligaw li persuna li, għal negozju, timporta ċerta kwantità ta' prodotti kimiċi kull sena lejn it-territorju tagħha, tinnotifika din l-importazzjoni lil awtorità pubblika għal reġistrazzjoni f'reġistru ta' prodotti kimiċi, bil-għan li jiġu protetti l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem.

57 — Nerġa' nenfasizza li r-raġunament f'dan il-każ jikkonċerna l-obbligu ta' notifika bħala tali, mhux ta' xi tariffa li l-Isvezja mid-dehra timponi fuq prodotti kimiċi importati lejn it-territorju tagħha.

58 — Ara l-punt 38 iktar 'il fuq.

59 — Ara l-punti 41 u 42 iktar 'il fuq.